*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,677, 3 ta' Awwissu, 2021*
*Taqsima A*

# MALTA

**ATT Nru LVI tal-2021**

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

**ATT sabiex jemenda l-Att dwar il-Pulizija, Kap. 164.**

**ACT No. LVI of 2021**

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

**AN ACT to amend the Police Act, Cap. 164.**

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

**GEORGE VELLA**
**President**

3 ta' Awwissu, 2021

**ATT Nru LVI tal-2021**

*ATT sabiex jemenda l-Att dwar il-Pulizija, Kap. 164.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħareġ liġi b'dan li ġej:-

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

Kap. 164.

**1.** (1) It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att huwa l-Att tal-2021 li jemenda l-Att dwar il-Pulizija u dan l-Att għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar il-Pulizija, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

(2) Dan l-Att għandu jidħol fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-intern jista' b'avviż fil-Gazzetta jistabbilixxi, u dati differenti jistgħu jiġu hekk stabbiliti għal dispożizzjonijiet differenti jew għanijiet differenti ta' dan l-Att.

Sostituzzjoni tal-artikolu 11 tal-Att prinċipali.

**2.** L-artikolu 11 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit bl-artikolu ġdid li ġej:

"11. (1) Kull uffiċjal tal-pulizija għandu jitqies li jkun uffiċjal tal-pulizija fil-ħinijiet kollha u għandu jiddedika ħinu kollu għas-servizz tal-Korp u m'għandux jagħmel xi xogħol ieħor, kemm-il darba ma jkunx inkiseb permess bil-quddiem u bil-miktub.

(2) Kull uffiċjal tal-pulizija għandu f'każ ta' negozju jew impjieg li jkun barra mid-dmirijiet uffiċjali tiegħu, jitlob bil-miktub lis-Segretarju Permanenti tal-Ministeru responsabbli mill-Korp u wara din it-talba s-Segretarju Permanenti għandu jinforma lill-Kummissarju jekk tali talba tkunx intlaqgħet jew ġiet rifjutata.".

Emenda tal-artikolu 103 tal-Att prinċipali.

**3.** Il-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 103 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(a) meta jew wara li jagħlaq l-età ta' erbgħa u sittin (64) sena, jew jekk ikun għalaq ħamsa u għoxrin (25) sena servizz fil-Korp:

Iżda kull meta uffiċjal tal-pulizija li jkun diġà ottjena l-ħlas ta' pensjoni sħiħa jerġa' jingħaqad bħala membru tal-Korp, huwa għandu jservi bħala membru għal perjodu ta' mhux inqas minn sentejn (2) sabiex il-pensjoni tiegħu tiġi aġġustata.".

Dispożizzjonijiet transitorji. Att Nru LVI tal-2021.

**4.** Dan l-Att ma għandux japplika fir-rigward ta' membru fil-Korp li kien parti mill-Korp qabel l-implimentazzjoni tal-Att tal-2021 li jemenda l-Att dwar il-Pulizija.

---

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 489 tal-14 ta' Lulju, 2021.

ANĠLU FARRUGIA
*Speaker*

RAYMOND SCICLUNA
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

I assent.

(L.S.) **GEORGE VELLA**
**President**

3rd August, 2021

## ACT No. LVI of 2021

*AN ACT to amend the Police Act, Cap. 164.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same, as follows:-

Short title and commencement. Cap. 164.

**1.** (1) The short title of this Act is the Police (Amendment) Act, 2021 and this Act shall be read and construed as one with the Police Act, hereinafter referred to as "the principal Act".

(2) This Act shall come into force on such date as the Minister responsible for home affairs may by notice in the Gazette appoint, and different dates may be so appointed for different purposes or for different provisions of this Act.

Substitution of article 11 of the principal Act.

**2.** Article 11 of the principal Act shall be substituted by the following new article:

"11. (1) Every police officer shall be deemed to be a police officer at all times and shall devote all his time to the service of the Force and shall not perform any other work, unless an authorization has been obtained in advance and in writing.

(2) Every police officer shall in the case of a business or occupation outside his official duties, request in writing the Permanent Secretary of the Ministry responsible for the Force and after such request the Permanent Secretary shall inform the Commissioner whether such request has been accepted or rejected.".

Amendment of article 103 of the principal Act.

**3.** Paragraph (a) of sub-article (1) of article 103 of the principal Act shall be substituted by the following:

"(a) on or after attaining the age of sixty-four (64) years or if he has completed twenty-five (25) years of service in the Force:

Provided that whenever a police officer who has already obtained the full pensionable emoluments is reinstated as a member of the Force, he shall serve as a member for a period of not less than two (2) years in order for his pension to be reviewed.".

Transitory provision. Act No. LVI of 2021.

**4.** This Act shall not apply with regard to a member of the Force who was part of the Force prior to the enactment of the Police (Amendment) Act, 2021.

---

Passed by the House of Representatives at Sitting No. 489 of the 14th July, 2021.

ANĠLU FARRUGIA
*Speaker*

RAYMOND SCICLUNA
*Clerk of the House of Representatives*

**Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta —** ***Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta***
**Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC —** ***Printed at the Government Printing Press on FSC certified paper***

**Prezz/*Price***
**€0.36**